QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

IMHALLEF:

ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.

**SEDUTA tas-12 ta' Jannar, 2001.**

**Citazzjoni numru 2541/00GC**

**Aluserv Limited**

**Vs.**

**Thyme Holdings Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' sitt elef, tmien mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm6,862) rapprezentanti erba kambjali li skadew ghall-ammont ta' elf, sitt mija, tlieta u hamsin lira Maltin (Lml,653) il-wahda, u wahda li skadiet ghall-ammont ta''elf, disa mija u tliet liri Maltin (Lml,903) u bl-imghax tal-istess kambjali;

Illi is-socjeta konvenuta baqghet tirrifjuta li thallas l-istess ammont nonostante li sarulha diversi interpellanzi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu l67-l70 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert,likwidu u dovut u s-socjeta konvenuta ma ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba tal-hlas tal-istess dejn;

Talbet aghalhekk lil-istess socjeta konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli l67-l70 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' sitt elef, tmien mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm6,862) rapprezentanti erba' kambjali li skadew tlieta ghall-ammont ta' elf sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lml,653) il-wahda, u wahda li skadiet ghall-ammont ta' elf, disa mija u tliet liri Maltin (Lml,903) u bl-imghax tal-istess kambjali;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali kontra l-istess socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur